MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 196/2006/1

**Helga Muscat**

**v.**

**David Muscat**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell minn sentenza ta’ separazzjoni personali deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-7 ta’

Ottubru 2011. L-appellant hassu aggravat mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti fir-rigward tat-tort moghti lilu ghat-tifrik taz-zwieg, ghall-affidament ta' kura u kustodja tal-minuri lill-appellata, ghall-ghoti ta' manteniment lill-appellata u ghall-minuri, kif wkoll fir-rigward tal-mod kif l-ewwel Qorti assenjat il-proprjeta` komuni.

2. Ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha. Dik is-sentenza tghid hekk:

"**Il-Qorti;**

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentatat fl-14 ta' Ġunju 2006 li permezz tiegħu ġie premess:

"a. Illi l-attriċi żżewġet lill-konvenut fit-12 ta' Lulju 1992 (Dok A), minn liema żwieġ il-konjugi Muscat kellhom tliet ulied, li huma Miguel ta' 15-il sena (Dok B), Giselle-Marie ta' 11-il sena (Dok C), u Paula ta' sentejn (Dok D);

"b. Illi l-ħajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba li l-konvenut rrenda ruħu ħati ta' eċċessi, moħqrija, vjolenza, theddid u nġurji gravi versu l-attriċi;

"c. Illi l-koabitazzjoni ta' bejn il-partijiet flimkien saret impossibbli ħtija esklussiva tal-konvenut, u b'hekk iż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment;

"d. Illi l-attriċi kienet kostretta mill-imġieba tal-konvenut li tħalli d-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha u tfittex residenza alternattiva;

"e. Illi s-Sezzjoni Familja tal-Qorti Ċivili awtoriżżat il-proċediment għas-separazzjoni kontenzjuża permezz ta' Digriet numru 604/2005, hawn anness bħala dokument 'E', liema digriet ġie prorogat b'digriet ulterjuri numru 711/06 hawn anness bħala dokument 'F'.

"Għaldaqstant l-esponent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex għar-raġunijiet premessi jogħġobha:

1. "Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni legali bejn il-kontendenti b'tort uniku tal-konvenut, u għall-finijiet ta' l-Artikolu 48(1)(C) tal-Kodiċi Ċivili tistabbilixxi d-data minn meta l-istess konvenut għandu jkun ikkunsidrat li kien ħati tal-firda.

2. "Tawtorizza lill-attriċi li tgħix separata minn żewġha *a mensa et thoro*;

3. "Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti skond Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili;

4. "Tillikwida u taqsam il-beni kollha li jikkostitwixxu l-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet, wieħed li jiġi assenjat lill-attriċi u wieħed li jiġi assenjat lill-konvenut, u dan skond kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fid-dawl tal-Artikolu 48 sub-inċiż (1) (C) u ta' Artikolu 53 tal-Kodiċi Ċivili;

5. "Tawtoriżża lill-attriċi tirriprendi l-pussess tal-beni parafernali tagħha;

6. "Tqiegħed lill-minuri Miguel, Giselle-Marie u Paula fil-kura u kustodja tal-attriċi;

7. "Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik ir-rata ta' manteniment li jidhrilha xierqa kemm għaliha kif ukoll għal uliedhom minuri, a tenur tal-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili, liema manteniment għandu jinqata' direttament mill-paga u sussegwentament mill-penzjoni tal-konvenut.

8. "Tiddikjara li l-konvenut ddekada mid-drittijiet tiegħu elenkati f'Artikolu 48 sub-inċiż (1) tal-Kodiċi Ċivili, u dan bl-applikazzjoni ta' Artikolu 51 tal-istess Kodiċi Ċivili;

9. "Tordna lill-konvenut joħroġ mid-dar konjugali u tawtoriżża lill-attriċi u wliedha biex *ai termini* tal-Artikolu

55A tal-Kodiċi Ċivili jirrisjedu fid-dar matrimonjali li ġġib l-indirizz 3, Sqaq San Bastjan, Zejtun.

“Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura, inklużi dawk tal-medjazzjoni, kontra l-konvenut, li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-20 ta’ Ottubru 2006, li permezz tagħha l-konvenut David Muscat eċċepixxa bir-rispett:

1. “Illi l-esponenti m’għandux ebda oġġezzoni li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet pero’ r-raġuni ta’ dan iż-żwieġ falla hija tort esklussivament imputabli lir-rikorrenti;

2. “Illi l-esponenti jopponi għal xi likwidazzjoni tal-akkwisti li tiffavorixxi lir-rikorrenti *stante* illi m’għandu ebda tort li ż-żwieġ falla minħabba tortijiet imputabbli lilu;

3. “Illi l-esponenti qiegħed jitlob li l-kura u l-kustodja tal-minuri Miguel, Giselle-Marie u Paula tkun konġunta u għalhekk qiegħed jopponi t-talba tal-kura u l-kustodja tal-minuri f’idejn ir-rikorrenti esklussivament;

4. “Illi l-esponenti qiegħed jopponi bil-qawwa kollha t-talbiet elenkati fin-numru sebgħa, tmienja u disgħa tat-talbiet u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati aħjar aktar ’il quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet.

“Rat id-digriet tagħha tal-28 ta’ Ġunju 2007 li permezz tiegħu nnominat lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala

Perit Legali, u rat is-sussegwenti verbali tas-seduti miżmuma minnu;

"Rat ir-rapport tal-imsemmi Perit Legali debitament maħluf;

"Rat id-diversi digrieti oħra tagħha;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ġunju 2011 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza;

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

"Ikkunsidrat;

"Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet jaqblu li għandhom jisseparaw iżda jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin diversi drabi dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Madankollu ħafna mill-kwistjonijiet huma dwar il-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u biżżejjed wieħed jara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet biex jinduna mill-ewwel b'dan.

"**TORT**

"Kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.

**A.** "**Provi Attriċi.**

"Fl-affidavit tiegħu, Renald sive Rene` Zammit, missier l-attriċi, qal li l-impressjoni li kellu tal-konvenut matul l-għerusija tiegħu ma' bintu kienet li hu kien kemxejn *'misterjuż'*. Semma' wkoll li wara xi snin ta' żwieġ, ċemplet bintu d-dar tiegħu u ta' martu. Kienet qed tibki u qalet li David kien sawwatha. Il-ġenituri tal-attriċi dlonk marru d-dar tagħhom fejn sabu lil binthom tibki u, fil-preżenza ta' David, qalet li hu kien sawwatha u ħabbatha

mal-friġġ tal-kċina. Il-konvenut innega li ħabbatha mal-friġġ, iżda aċċetta li kellhom argument sħun u li kien heżżizha minn dirgħajha.

"Xi snin wara, l-attriċi qaltlu li l-konvenut kien sar biered fil-konfront tagħha u li ż-żwieġ tagħhom ma kienx sejjer tajjeb. Madankollu, missier l-attriċi ma setax ikellem lill-konvenut għaliex dan tal-aħħar ma kienx iħobb il-kliem.

"Kien hemm okkażjoni oħra fejn l-attriċi marret id-dar tal-ġenituri tagħha u, bid-dmugħ f'għajnejha, qalet li l-konvenut kien reġa' sawwatha, filwaqt li wriethom t-tbenġil li ħallielha l-istess konvenut. Minn dakinhar kien hemm ħafna okkażjonijiet simili.

"Meta binthom ħarget tqila bit-tielet wild tagħha, kienu l-ġenituri tagħha, u mhux il-konvenut, li kienu jakkumpanjawha għall-visti mediċi. Skont dak li kienet tgħidilhom binthom, il-konvenut ma kienx juri interess fiha u kien saħansitra jirvella mat-tfal. Aktar tard kien hemm okkażjoni oħra fejn binthom ċemplitilhom imbikkma għaliex il-konvenut kien reġa' sawwatha. Huma marru d-dar tagħha, raw li kellha ħafna tbenġil, u ħaduha tagħmel rapport l-għassa tal-pulizija. Binthom qaltilhom li qed tibża' minn żewġha u għalhekk irranġawlha ma' oħtha biex issellifha *flat* fejn toqgħod sakemm jikkalmaw l-affarijiet.

"Fix-xhieda tiegħu missier l-attriċi żied li ma kienx minnu li huwa qatt qal lill-konvenut li għandu jieħu paċenzja bin-nisa. Xehed ukoll li ma kienx minnu li wliedu kienu ġġieldu fit-tul, kif qed jallega l-konvenut.

"Fl-affidavit tagħha, Selma Pia Zammit, omm l-attriċi, qalet li dehrilha li l-problemi bejn il-koppja bdew wara ż-żwieġ, meta bintha kienet tilmenta li r-raġel tagħha kien iħalliha wisq waħeda. Qalet ukoll li l-konvenut kien tah ħass ħażin waqt it-tieġ. Bintha kienet irrakkontatilha li l-konvenut ma kiel kważi xejn waqt it-tieġ u waqt il-*honeymoon* kien dejjem jgħid li kien għajjien. Sa mill-bidu taż-żwieġ, bintha kienet tgħidilha li l-konvenut qatt ma kien juri interess li

jagħmel sess ma' l-attriċi. Kienet tgħidilha wkoll li hu kien ikun dejjem barra mid-dar. Saħqet ukoll li bintha qaltilha li wara t-twelid ta' binthom Giselle, il-konvenut ma kienx juriha affezzjoni, u li hu ma kien taha l-ebda għajnuna matul it-tqala. Hi kkonfermat ukoll kliem ir-raġel tagħha, sewwa sew li kienet iċċemplilhom binthom wara li l-konvenut kien ikun refa' jdejh fuqha. Qalet li maż-żmien il-ġlied ta' bejn il-koppja Muscat beda jiggrava. Il-ġenituri tal-attriċi marru d-dar ta' omm il-konvenut sabiex jippruvaw jgħinuhom jirranġaw, fejn il-konvenut innega l-inċidenti li bdiet issemmi l-attriċi. Qalet ukoll li David deher imdejjaq bl-aħbar tat-tielet wild u li Helga kienet tispiċċa dejjem waħeda fit-tqala. Meta sa fl-aħħar il-ġlied ta' bejn il-koppja laħaq il-quċċata tiegħu, il-konvenut ma baqax imur id-dar tal-ġenituri tal-attriċi.

“Fl-affidavit tagħha, Marianne Theuma, *midwife*, qalet li saret taf lill-koppja Muscat għaliex kienu jattendu flimkien korsijiet dwar it-tqala li hi kienet torganizza. Hi qalet li għal dawn il-korsijiet għandhom jattendu ż-żewġ ġenituri prospettivi, iżda fil-każ tat-tielet wild tal-koppja Muscat, il-konvenut ma attendiex u kellha tiġi l-attriċi waħeda. Żiedet li meta kienu qed jistennew it-tieni wild, il-kors ma kienux komplewh sa l-aħħar. Hija fehmet li l-attriċi kienet tħossha skomda tiġi waħeda għaliex il-parteċipanti l-oħrajn kienu jiġu bħala koppji u kien ukoll ikollhom jagħmlu *physical exercises* flimkien. F'nofs it-tielet tqala, ċemplitilha l-attriċi u qaltilha li l-konvenut ma kienx ħerqan bit-tqala u ma kienx qed jagħti każha. Wara din it-telefonata, ħadet lill-attriċi dawra bil-karozza, fejn din qaltilha li kienet imdejqa ħafna. L-attriċi kienet għamlet kartolina lill-konvenut taparsi miktuba mit-tarbija fil-ġuf, li fiha t-tarbija qed tgħid li l-imħabba ta' missierha timliha bil-kuraġġ, u l ħeġġitha li tagħtihielu. Qalet ukoll li wara t-twelid, kienet hi li ssuġġeriet li l-koppja jieħdu ritratt mat-tarbija, u li kieku ma kienetx hi li ħeġġitu jbus lil martu, kien ser jibqa' distakkat. Semmiet ukoll li bħala prinċipju ġenerali l-preżenza u l-karezzi tar-raġel waqt it-tqala huma ta' għajnuna kbira għall-mara, għaliex din tkun għaddejja minn bidliet kbar.

“Fl-affidavit tagħha, Anna Croucher, qalet li saret taf l-attriċi għaliex kienet il-*midwife* li kienet tinvistaha matul it-tqala. Fit-tieni wild, il-konvenut ma baqax jakkumpanjaha, u fit-tieled wild, ġie biss darba jew darbtejn għall-visti. Darba staqsiet lill-attriċi għalfejn ma jakkumpanjahiex ir-raġel u din infaqgħet tibki u qalet li r-raġel kien tilef l-interess kemm fit-tqala u kemm fl-attriċi nnifisha. Fil-ħin liberu tiegħu, kien iħalli lill-attriċi waħeda u joħroġ idur bil-mutur. Anqas biss kien jistaqsiha x’ġara waqt il-visti. L-attriċi qaltilha li ma kienx qed jirnexxielha torqod bil-lejl. Għalhekk, Croucher qalet lill-attriċi li ser tikkonsulta lit-tabib tagħha dwar din is-sitwazzjoni għaliex is-saħħa emozzjonali tal-mara waqt it-tqala hija importanti ħafna.

“Hija qalet ukoll li t-tielet ħlas tal-attriċi kien wieħed ikkumplikat għaliex din kienet ikkollassat. Għalhekk kellhom jintervjenu magħha fil-ħlas it-tabib tal-attriċi, kif ukoll il-*midwife* l. Il-kollass tal-attriċi seta’ ġie kkawżat minħabba trawmiet li din sofriet matul it-tqala.

“Xi żmien ilu ċemplet lill-attriċi d-dar matrimonjali għaliex din kienet toffri servizzi ta’ *beauty therapy*, iżda rrissponda l-konvenut u qalilha biex iċċempel fuq il-*mobile* tal-attriċi. Meta għamlet dan, l-attriċi qaltilha li marret tgħix għal rasha ġo *flat* bit-tfal b’kollox għaliex il-ħajja miżżewġa mal-konvenut kienet saret insapportabbli. L-attriċi kienet imbikkma u qaltilha li hi dejjem poġġiet il-familja l-ewwel u li l-firda kienet l-aħħar ħaġa li riedet.

“Fl-affidavit tagħha, Helga Muscat, l-attriċi, qalet li hi kienet ħabbet lill-konvenut ħafna. L-għerusija kienet waħda normali, iżda waqt il-quddiesa tat-tieġ, il-konvenut kien ħassu ħażin. Fl-ewwel tlett iljieli taż-żwieġ ma sarx l-att sesswali bejniethom, għax hekk ried il-konvenut. Wara l-ewwel tqala, il-konvenut beda jingħalaq fih innifsu u beda jgħid li ried jistenna qabel jibdew familja. Waqt it-tieni tqala, kellhom ħafna problemi. Il-konvenut kien iqatta’ ħafna żmien ix-xogħol u ma kienx jakkumpanjaha għall-visti għand it-tabib. Qalet li saħansitra ma kienx jistaqsiha x’kien ikun qallha t-tabib. Il-konvenut kien dejjem iżomm f’qalbu u kien juża kliem iebes magħha. Beda jqatta’ aktar

ħin barra d-dar u kellhom problemi kbar ta' komunikazzjoni.

"Sena wara t-tieni twelid, l-attriċi saret taf li kellha l-virus *HPV* li jista' jwassal għall-kanċer. Ħames snin wara, saret taf li dan huwa trasmess sesswalment. Hi qalet li din kienet daqqa ta' ħarta għaliha għaliex hi qatt ma kellha sieħeb ieħor għajr il-konvenut, u għalhekk tilfet il-fiduċja fih.

"Il-konvenut ma kienx jistinka biex isalva ż-żwieġ. Meta kien jiġi lura d-dar tard kien jagħżel li jorqod fuq il-pultruna minflok fil-kamra tas-sodda. Kien ukoll jikkoreġiha quddiem it-tfal u anke jakkużaha li hi kienet il-kawża tat-tifrik tal-familja. Ġieli kien jasal id-dar fil-ħamsa ta' fil-għodu, ħafna wara li kien ikun għalaq ir-ristorant. Kien jigdeb ħafna, fosthom fuq kif kien akkwista mutur ta' valur ta' Lm1,800 (€4,192.87), li mbagħad irriżulta li kien xtrah bil-moħbi. Kien jigdeb ukoll fuq għalfejn ġie lura d-dar tard ħafna. Il-konvenut żviluppa wkoll problema bl-alkoħol.

"Il-konvenut lanqas ħares 'il fuq mill-gażżetta meta l-attriċi qaltlu li ser tmur għand avukat għax ma felħitx tgħix aktar f'dan il-martirju. Hu mar għand avukat ukoll, u kienu ser jisseparaw, iżda rrikonċiljaw fi żmien il-Milied minħabba intervent tal-ġenituri tagħha u għaliex hi kienet għadha tħobbu.

"L-attriċi qalet li l-koppja kienu jmorru għand il-psikologa Joan Bugeja, kemm bħala koppja u kemm hi waħeda. Meta waslu biex jiddiskutu l-aspett sesswali taż-żwieġ tagħhom, il-konvenut ma kompliex jattendi. Il-psikologa kienet qaltilha wkoll li kellha l-kunsens tal-konvenut biex tgħidilha li hu tant kien weġġgħa meta mietitlu oħtu ż-żgħira li xejn ma kien ser jweġġgħu aktar, lanqas jekk jinfired minn mal-mara.

"L-attrici xorta kompliet titfa' saħħitha kollha fil-ħajja tal-familja, u wara ftit xtaqet li jkollhom tarbija oħra. Kienet ferħana ħafna meta ħarġet tqila bit-tielet tarbija, iżda skont hi, l-konvenut ma tantx deher entużjast. Hu ma riedx li

huma jinfurmaw lil familtu bit-tqala, u fil-fatt meta qalulhom, ħadd ma ferħilhom. Il-konvenut sar biered ħafna lejha u saħansitra beda jixrob. Huwa lanqas ma kien imur jixtri l-affarijiet għat-tarbija magħha. Hi kienet qalet lil Marianne Theuma, iċ-*childbirth educator* tagħha, dwar il-problemi ta' bejniethom. L-attriċi qalet ukoll li saret taf li, matul it-tielet tqala, il-konvenut kien qal liż-żewġ ulied tagħhom li hi ma kenitx entużjasta meta kienet qed tistenna t-twelid tagħhom. Saret taf li l-konvenut qal ukoll lit-tfal tagħhom li meta tasal it-tarbija ser jinqalgħu ħafna problemi d-dar.

"L-attriċi qalet ukoll li l-ħlas tat-tielet tarbija kien wieħed turbanti minħabba l-istat emozzjonali li hi kienet fih. Wara t-twelid, id-dar kienet maqsuma: l-omm u t-tfal għalihom u l-missier naħa oħra. Saħansitra akkużaha li raqdet miegħu darba sabiex tgħabbih bil-paternita'. Wara dan id-diskors ftehmu t-tnejn li huma li ma jistgħux jibqgħu jgħixu flimkien.

"Qalet li sa dak iż-żmien kienet saret taf li kien qed jibdilha ma' ħaddieħor tul iż-żwieġ, kif ukoll ftit xhur qabel it-tieġ. Taha x'tifhem ukoll li kellu tendenzi omosesswali u qalilha li ommu kienet taf bil-preferenza tiegħu. Fil-perijodu wara li kien qalilha dan, sar aktar vjolenti fil-konfront tagħha. Darba kien fis-sakra u waqt argument, tefagħha mal-ħajt u beda jwaddab xi oġġetti lejha. Tant kienu mwerwrin it-tfal li dakinhar raqdu magħha bil-bieb imsakkar, u t-tifel tant kien sar jibża' minn missieru li beda jorqod b'lasta tal-plastik taħt is-sodda. Ftit wara, huwa ma baqax jagħtiha flus biex tmantni l-familja u kien diffiċli ħafna biex hi tagħmel dan bil-paga tagħha biss, speċjalment għax kienet qed trabbi żewġt itfal u tarbija. Meta kkonfrontatu huwa ċaħad kollox.

"It-tfal bdew jitħawwdu: binha pprova jaqbeż sular bir-rabja li kellu miżmuma ġo fih u bintha ma bdietx toqgħod attenta l-iskola. Biex tipproteġi s-saħħa tagħha u ta' wliedha kellha titlaq mid-dar. Skont hi, avolja l-konvenut ma tantx kien ikun id-dar, ma riedx iċedilha d-dar matrimonjali.

"L-attriċi qalet ukoll li l-konvenut kien iħobb jonfoq il-flus u ma kienx iżommha nfurmata dwar il-qagħda finanzjarja tagħhom jew dik tal-kumpanija li fiha hu kien sieħeb. Meta beda l-inkwiet bejniethom, dehrilha wkoll li l-paga tiegħu naqset avolja kien hu stess sieħeb tal-kumpanija.

"Spjegat ukoll li żewġha kien akkwista 30% tal-ishma tal-kumpanija *Chinese Tavern Caterers Limited*, li tagħha huwa kien ukoll il-*General Manager*. Għalhekk, fl-2005 kellu *basic salary* ta' Lm303 (€705.80) kull gimgħatejn, li kien jiżdied b'*bonuses, overtime etc*. Iċ-ċekkijiet tal-paga ġieli kien idum ma jsarrafhom u ta' sikwit kien iħallas *cash*. L-attriċi qalet ukoll li żewġha kien jaqla' xi flus min-negozju ta' affarijiet li kien jixtri bl-irħis. Meta l-koppja kienu għadhom flimkien u ma kellhomx ġlied gravi, il-konvenut kien jagħtiha Lm300 (€698.81) fix-xahar, u kien iħallas ukoll għar-rigali u l-*weekend breaks*. Illum qed jagħtiha Lm200 (€465.87) għaliha u għal żewgt itfal, u hi ma tantx qed taħdem għaliex qed trabbi lit-tfal waħeda. Qalet ukoll li qed tħallas Lm130 (€302.82) kera u li kull meta wriet lill-konvenut kemm qed tgħix fi tbatija, huwa kien jgħildilha li m'għandux iżjed x'jagħtiha.

"Fl-affidavit taghha, Doris Anna sive Dorianne Scerri, qalet li ilha ħabiba tal-attriċi minn mindu kienu tfal. Saret taf lill-konvenut l-ewwel darba meta l-attriċi stednitha għall-*party* tax-xogħol tagħha. L-ewwel darba li ratu ħasbitu mara, iżda Helga spjegatilha li kien liebes ta' mara minħabba li kien il-Karnival. Aktar tard, meta l-attriċi bdiet toħroġ mal-konvenut u Doris daħlet għarusa hi wkoll, bdew joħorgu flimkien bħala żewġ koppji, drawwa li kompliet anke wara li żżewġu l-attriċi u l-konvenut.

"Żiedet li l-konvenut ma kienx juri affezzjoni lill-attriċi, u ma kienx juri l-emozzjonijiet tiegħu; kien bniedem ta' ftit kliem. Wara li l-koppja żżewġu, l-attriċi bdiet tilmentalha li żewġha kien iħalliha waħeda, u li anke meta kien ikun magħha, ma kienx juriha interess. Saħansitra kien iħalli lill-attriċi waħeda fil-Milied, l-Aħħar u l-Ewwel tas-Sena, u

għalhekk kienet ta' sikwit tispiċċa toħroġ mat-tfal u ma' Doris Anna u żewġha.

"L-attriċi kienet qaltilha wkoll li minn mindu l-konvenut beda jmexxi kumpanija tal-ikel Ċiniz, beda jqatta' ħinijiet barra saħansitra sa l-erbgħa ta' fil-għodu, u meta kien jasal kien jagħżel li jorqod fuq is-sufan. L-attriċi kienet tilmentalha wkoll li kienet qed trabbi lit-tfal daqs li kieku waħeda. Doris indunat ukoll li żewġha ma kienx qed jakkumpanjaha għall-visti tat-tqala. Aktar ma beda jgħaddi żmien, aktar bdiet tiftaħ qalbha magħha l-attriċi, li kienet tidher li l-abbandun ta' żewġha kien qed ikiddha. F'dawn l-aħħar snin, il-konvenut ma baqax ikellem lil Doris Anna, avolja t-tnejn qatt ma ġġieldu.

"Fix-xhieda tagħha, Helga Muscat, l-attriċi sostniet li l-konvenut kien jagħtiha Lm300 (€698.81) biex tgħajjex lill-familja, u saħansitra jħallas bosta affarijiet hu. Iżda, minkejja li għoliet il-ħajja u żdied l-introjtu tal-konvenut, huwa baqa' jgħaddilha biss Lm300 (€698.81). L-ammont li kienet tirċievi beda nieżel meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni, iżda l-attriċi qatt ma talbet li l-Qorti tiffissalha ammont ta' manteniment ġust, għaliex il-konvenut baqa' jħallas il-manteniment.

"L-attriċi kienet taħdem ta' *beauty therapist* mid-dar matrimonjali, iżda ma setgħetx tkompli tagħmel dan għaliex kellha tmur toqgħod f'appartament għal rasha wara li nqala' d-diżgwid. Għall-ewwel kienet qed toqgħod f'post misluf bla ħlas, iżda wara xi żmien kellha tibda tikri post ieħor għal Lm130 (€302.82) fix-xahar (*vide* kuntratti u riċevuti annessi dokumenti H1 u H2). B'din il-kera, l-attriċi kellha tissellef u tiddobba kemm jista' jkun flus, għaliex kera diċenti b'inqas ma sabitx.

"Reggħet irreferiet għall-affidavit tagħha, fejn spjegat x'inhu l-introjtu tal-konvenut, u għall-affidavit tal-konvenut, fejn hu ma nnegax dawk il-figuri. Hi talbet manteniment xieraq għaliha u għat-tlett itfal minuri tagħha. Qalet ukoll li jekk tkun tista' tirritorna d-dar matrimonjali, ad esklużjoni ta' żewġha, tkun tista' terġa' tibda tagħmel xogħol *part-*

*time* mid-dar.  Żiedet li riċentement kienet qed tircievi Lm200 (€465.87) biss mingħand żewġha għall-manteniment tagħha u ta' wliedhom.

"Għalhekk, hi qed titlob lill-Onorabbli Qorti li *pendente lite:* tħalliha tgħix fid-dar matrimonjali u tiffissa rata ta' manteniment għaliha u għat-tliet ulied minuri tagħha.

"Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, il-konvenut David Muscat qal li, b'riferenza għall-affidavit tiegħu, huwa ma jafx jekk il-kirja li kellha l-attriċi ġewwa l-Belt ġietx itterminata qabel jew wara ż-żwieġ.

"Qal ukoll li l-koppja bdiet tmur għand psikologa xi seba' jew tmien snin ilu.

"Xehed ukoll li, tlett xhur qabel ma telqitu, l-attriċi bdiet iġġiegħel lit-tifla tagħhom Giselle torqod magħha fis-sodda, sabiex hu ma jsibx post fis-sodda matrimonjali.

"Qal ukoll li hu dejjem ħallas il-manteniment lil martu, iżda hi waqfet tagħmel ix-xogħol tad-dar.  Ikkonferma li hi waqfet tagħmel ix-xoghol tad-dar meta huma kienu l-Qorti.

"Xehed li kien minnu li l-attriċi lmentat ma' l-avukat tiegħu li l-konvenut ma kienx qed jagħtiha manteniment, iżda qal ukoll li dan l-ilment kien infondat.

"Qal ukoll li l-attriċi ġibdet il-flus mill-*Joint Account*, u meta hu kkonfrontaha, akkużatu li mhux qed jagħtiha manteniment.  Hu qalilha li dan mhux minnu, u skopra li hi qed titfa' l-flus tagħhom ġo kont ieħor.  Wara dan l-inċident, beda jħallasha l-manteniment permezz ta' ċekk.

"Huwa kkonferma li huwa minnu li kien beda jagħtiha Lm200 (€465.87) manteniment, minflok Lm300 (€698.81) li kien jagħtiha s-soltu.  Iżda huwa żied li kien qed iħallas l-edukazzjoni tat-tfal, inkluż kotba, trasport, uniformijiet u lezzjonijiet privati, kif ukoll id-dawl u l-ilma fid-dar matrimonjali.

"Qal ukoll li kien iħallas il-maġġoranza tal-ispejjeż għad-divertiment u *weekend breaks*, permezz ta' ċekkijiet jew *credit / debit card*.

"Fix-xhieda tiegħu, Kevin Spiteri, *Financial Controller* tal-kumpanija Chinese Tavern Caterers Ltd, miġjub il-Qorti mis-Sur Anthony Cassar, Direttur u *Shareholder* tal-kumpanija Chinese Tavern Caterers Ltd, huwa esebixxa l-FS3's ta' David Muscat fil-perjodu bejn 2001 u Diċembru tal-2007, li juru l-introjtu tiegħu. Esebixxa wkoll id-dokumenti AC1-AC7. Huwa qal li esebixxa l-FS3's u mhux il-*ledger book* minħabba li ħareġ digriet mill-Qorti li eżenta lill-kumpanija milli tagħmel dan, peress li hija *private exempt company*. Madankollu sostna illi l-FS3's jirriflettu il-kontenuti tal-*ledger book*, u li dawn l-FS3's jiġu rrikonċiljati mal-*financial statements* u n-*Nominal Ledger* ta' kull sena.

"Huwa qal li l-konvenut jirċievi *Director's remuneration*, kif ukoll *basic wage*. Jitħallas ukoll tal-*overtime* meta jaħdem il-Ħadd, festi pubbliċi u aktar minn erbgħin siegħa fil-ġimgħa. Stqarr ukoll li ma kienx hemm mod separat li bih kien jitħallas il-konvenut u li huwa jirċievi pakkett ta' salarju fiss. Qal ukoll li qatt ma ra kuntratt bejn il-konvenut u l-kumpanija.

"Qal ukoll li r-rata ndikata fl-FS3 żgur ilha hekk tal-inqas minn mindu saret il-*handover* lilu. Ikkonferma li kien hemm żmien meta l-kumpanija kellha żewġ stabbilimenti, ir-ristorant u *take-out*, u li David ġieli ħadem ukoll fit-*take-out*. Ta' dan, huwa qatt ma tħallas *extra*. Ikkonferma li s-sħab fil-kumpanija qatt ma tħallsu *dividends* minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija. Qal ukoll li l-konvenut ma jieħux *fringe benefits*.

"Xehed li l-vann tax-xogħol li kien isuq il-konvenut kien essenzjalment għax-xogħol, iżda ma jeskludix illi dan ġieli użah għall-affarijiet personali. Qal li l-*fuel* jitħallas mill-kumpanija. Qal ukoll li l-konvenut ġieli juża l-vettura personali tiegħu għax-xogħol, u għalhekk jingħata kumpens għall-*petrol*. Qal li ma jafx kemm tiġri ta' spiss

din tal-aħħar. Żied li s-*service* tal-vettura personali tiegħu hija responsabbilita' biss tal-konvenut.

"Ikkonferma li d-dokumenti HM1 u HM2, imressqin mill-attriċi, ma tħallsux mill-kumpanija, iżda ser jerġa' jagħmel il-verifiki.

"Qal ukoll li l-konvenut iżomm iċ-*cheque book* tal-kumpanija u joħrog iċ-ċekkijiet f'isimha. Kull meta L għamel *reconciliation*, qatt ma sab li l-konvenut ħareġ xi ċekkijiet għall-użu personali tiegħu. Żied li l-kumpanija tħallaslu l-linja u t-telefonati tal-*mobile*.

"Fl-istess seduta, xehed ukoll 'il fuq imsemmi Anthony Cassar, li kkonferma li m'hemm l-ebda kuntratt bejn il-konvenut u l-kumpanija. Qal ukoll li l-ishma tal-kumpanija huma maqsumin f'sebgħin fil-mija (70%) tiegħu u tletin fil-mija (30%) tal-konvenut.

"Fit-tieni affidavit tagħha, Helga Muscat, l-attriċi, qalet li m'huwiex minnu li l-konvenut iqatta' ħafna ħin mat-tfal, iżda li dawn ikunu magħha kemm fis-Sajf, kif ukoll fil-vaganzi tal-Milied u tal-Għid. It-tfal ikunu ma' missierhom biss nhar ta' Ġimgħa wara l-iskola sas-sebgħa ta' fil-għaxija, kif ukoll is-Sibt mid-disgħa ta' fil-għodu sas-sebgħa ta' fil-għaxija. Hi dejjem qalet lill-konvenut li seta' jqatta' aktar ħin ma' wliedu, imma hu qatt ma staqsiha biex jagħmel dan matul is-snin li ilhom separati. F'dan iż-żmien ukoll, huwa qatt ma talab li t-tfal jorqdu għandu. Hi m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jagħmlu dan, dejjem jekk it-tfal stess ikunu jridu.

"L-attriċi qalet li, peress li qed trabbi t-tfal waħeda, ma tantx għandha ħin biex taħdem, ħlief matul il-ftit siegħat li huma jkunu l-iskola. Madankollu, meta jkunu bil-vaganzi, jew jinqalgħu xi ħtiġijiet oħrajn, ma taħdimx. Id-dokumenti HH1 u HH2 juru r-*reading* tad-dawl u l-ilma tad-dar matrimonjali, u b'hekk juru li s-salon ma tantx qed jintuża.

"Hi elenkat l-ispejjeż tagħha, fosthom: ikel u ħwejjeġ għaliha u għat-tfal; affarijiet tad-dar, *pocket money* tat-tfal;

tobba; mediċini; spejjeż tal-*parties* u rigali; kontijiet tad-dawl u l-ilma, kontijiet tal-*mobile*; manteniment tad-dar; *diesel* li hi tuża biex twassal lit-tfal; *hairdresser*; u affarijiet tal-iġene.

“Ftit xhur ilu, il-konvenut waqaf iħallas il-*loan* tad-dar u għalhekk hi bdiet tħallas nofsha, li tammonta għal Lm86.00 (€200.33) kull xahar. Riċentement, il-bank ħadilha ċ-*Childrens Allowance* minn ġol-kont, li jammonta għal €1,239.20, u l-konvenut ikkumpensaha biss għal €385 minn dawn (*vide* Dok HH3). Dan iċ-ċekk tħallas miċ-*cheque book* tal-kumpanija tiegħu u ta’ Anthony Cassar. Din ma kenitx l-ewwel darba li għamel dan, għaliex darba ħareġ ċekk tal-manteniment ta’ Lm260 (€605.64) (*vide* Dok HH4); kif ukoll ċekk ieħor tal-manteniment għal April 2008 (*vide* Dok HH6 u HH7) mill-kont tal-kumpanija. Fl-2007, il-konvenut ħallas il-manteniment tat-tfal permezz ta’ ċekk maħruġ minn *Cassar Ship Repair Ltd.*, kumpanija tas-sieħeb tiegħu Anthony Cassar. Għalhekk mhuwiex minnu dak li qal il-*Financial Controller* Kevin Spiteri li l-konvenut qatt ma uża *cheque books* tal-kumpanija għall-użu personali tiegħu. Mhuwhiex vera wkoll li l-konvenut iħallas is-*service* tal-vettura personali tiegħu, iżda din titħallas mill-kumpanija. Id-dok HH8 jikkontjeni riċevuti fiskali li juru li dak li xehed Spiteri mhuwiex minnu.

“Żiedet ukoll li meta l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, ħa miegħu diversi oġġetti elenkati f’dan l-affidavit. Qalet ukoll li meta rritornat fid-dar, sabet ħafna ħsara.

“Fl-2006, l-attriċi u l-konvenut kienu sabu min irid jixtri d-dar, u għalhekk mingħajr avukati ftehmu li hu jagħtiha Lm5,000 (€11,646.87) jekk hi ċċedi l-ishma tagħha fil-kumpanija (*vide* Dok HH9).

“Ftit żmien wara, hi qaltlu li kellha bżonn dar akbar minn tiegħu peress li t-tfal joqogħdu magħha u li għandha s-*salon*. Allura, ftehmu mingħajr avukati li malli jbiegħu d-dar, hu jagħtiha Lm10,000 (€23,293.73) (vide HH10).

“Fix-xhieda tieghu, Rene` Zammit, missier l-attriċi kkonferma illi diġa’ għamel affidavit iżda xtaq iżid xi affarijiet. Missier l-attriċi ċaħad illi wara argument bejn l-attriċi u l-konvenut huwa kien qal lill-konvenut li, bħal l-irġiel l-oħra kellu jieħu paċenzja bin-nisa. Kompla billi qal li l-attriċi kienet ċemplitlu wara dan l-argument u huwa mar id-dar tagħha. Ma jiftakarx jekk il-konvenut kienx id-dar dak il-ħin.

“Wara li ġie mistoqsi jekk l-attriċi u ħutha kienux miġġieldin għal żmien twil, missier l-attriċi kkonferma illi dan ma kienx il-każ, u jekk kien hemm xi ġlied, dan ma kienx fit-tul.

“Fix-xhieda tagħha l-attriċi Helga Muscat qalet illi l-*HPV virus* li kellha kien ġie trasmess mill-konvenut. L-attrici ħadet parir ta’ tabib u ta’ ġinekologu, u t-tnejn ikkonfermaw illi dan il-*virus* jittieħed biss mill-att sesswali.

“L-attriċi sostniet illi siefret biss tlett darbiet, u l-bqija l-attriċi u l-konvenut kienu jmorru biss f’lukandi f’Malta jew f’Għawdex. L-attrici kompliet billi spjegat illi ħafna mill-oġġetti tas-safar u tax-xiri kienu jitħallsu *cash* minkejja li kellha visa. L-aħħar safra kienu qasmu l-ispejjeż bejniethom.

“Meta l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali, marret tgħix ma’ zijitha bla ħlas. Wara xahar hija bdiet tħallas, Lm130 (€302.82) fix-xahar bħala kera bejn Settembru 2005 sa Diċembru 2007. L-attriċi reġgħet irritornat id-dar fit-2 ta’ Diċembru 2007, u għalhekk reġgħet bdiet tħallas sehemha tal-*loan*. Allura bdiet tħallas nofs ir-rata tal-*loan* kull xahar għaliex kienet għamlet *standing order*. L-attriċi spjegat illi kienet tħallas Lm84 (€195.67) fix-xahar għall-pagament tal-*loan* u kienet tirċievi Lm300 (€698.81) bħala manteniment.

“L-attriċi kompliet billi qalet illi meta l-konvenut ra illi kienet qed tħallas bi *standing order*, huwa waqaf iħallas sehmu. Peress li l-konvenut waqqaf dan il-pagament, iċ-*children’s allowance*, li kien ammont ta’ bejn, Lm600 – Lm800

(€1397.62 – €1863.50) għax kien jitħallas bħala *lump sum*, inġibed mill-bank. Allura, l-attriċi ddeċidiet li twaqqaf il-ħlas tagħha.

"L-attriċi ddikjarat illi għandha tieħu, Lm1,000 (€2,329.37) bħala arretrati ta' manteniment wara sentenza tal-Qorti. L-manteniment ġie ridott għal €466 u €50 għall-attriċi.

"L-attrici stqarret illi kienet taħdem minn ġo kamra bit-tfal tagħha magħha. L-attrici qalet ukoll illi dak li taqla' tonfoqhom mill-ewwel. M'għandhiex kont il-bank għaliex jekk tagħmel *deposit*, il-bank jiġbidhom.

"Fix-xhieda tagħha, l-attrici Helga Muscat qalet li qiegħda tesebixxi s-segwenti dokumenti:

"1. Dok 'HMX1' sa 'HMX4' – 4 ritratti;

"a. HMX1: entrata għall-kamra jekk ġej mit-triq. Jidher ukoll il-bieb għall-bitħa u l-bieb tal-*boxroom*;

"b. HMX2: l-istess entratura minn angolu differenti. Jidher il-bieb tas-*salon* u l-bieb tal-*boxroom*;

"c. HMX3: il-bitħa u l-bieb l-ieħor li jagħti għad-dar prinċipali;

"d. HMX4: il-kamra fejn taħdem l-attriċi;

"e. HMX5 –HMX10: *profit and loss accounts* minn mindu bdiet taħdem mid-dar l-attriċi (fit-2003) sal-lum.

"L-attriċi qalet illi kienet fetħet kumpanija mal-kuġina mill-1991 sa 1992, meta għalqu din il-kumpanija għaliex kienet sejra ħażin. L-attriċi ħadmet ma' *Clarins* sa Ġunju 2002 *part time* meta kellha t-tfal. Bejn Ġunju u Diċembru 2003, l-attriċi kienet tagħmel *home visits*. Dan ghaliex il-konvenut u missieru kien qed jirranġaw is-*salon*.

"Minkejja li skont id-dokumenti annessi jidher li d-dawl u l-ilma ġie mħallas mill-komunjoni ta' l-akkwisti, l-attriċi

ssostni illi dan mhuwiex il-każ. Fil-fatt, meta kienu jirċievu kont, il-konvenut kien jikkalkula l-parti tal-attriċi u kienet tħallsu tagħha. L-attriċi ċaħdet illi l-profitti kienu ferm ogħla minn dawk dikjarati. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-attriċi ma kienux fissi u bħala eżempju qalet illi kienet taħdem meta t-tfal kienu jkunu l-iskola u meta l-konvenut kien jkun off nhar t'Erbgħa l-attriċi ma kienitx tiftaħ. Meta l-attriċi u l-konvenut isseparaw, l-attriċi kienet taħdem meta t-tfal kienu jkunu mal-konvenut.

"Fix-xhieda tiegħu Dr. Victor Borg Grech qal illi ma kienx ikun infurmat fuq x'kien isir mill-profitti u d-*dividends* ta' *The Chinese Tavern*. Pero' sar jaf li l-profitti kien jeħodhom Tony Cassar akkont l-kreditu tiegħu. Dr. Borg Grech ma kienx jaf jekk il-konvenut kienx jieħu ħlas mill-profitti jew le. Il-kumpanija ma kellhiex assi. Meta l-ħanut ġie lura f'idejn Tony Cassar, il-fond reġa' nfetaħ. F'dan il-perjodu sar xi refurbishment u żdiedu xi oġġetti fil-ħanut, imma Dr. Borg Grech m'għandux dettajli dwar l-ispejjeż.

"Huwa qal illi kien hemm xi żmien meta l-konvenut kien *Managing Director*, imma llum il-konvenut huwa mpjegat ta' Tony Cassar. Avolja huwa ma jistax jikkonferma l-kariga tiegħu, jista jikkonferma illi l-konvenut jieħu ħsieb *Chinese Tavern.*

"Fix-xhieda tiegħu, *Anthony Cassar* qal illi huwa d-direttur ta' sittax-il kumpanija, waħda minnhom hija Chinese Tavern Caterers Ltd li kienet ilha topera għal madwar erbatax-il sena. Huwa żied illi l-konvenut għenu jirranġa l-ħanut meta fetħu. Fil-bidu, Anthony Cassar ħareġ il-flus kollha u għal żmien twil ma rawx profitti; allura ma kienx hemm *dividends.* Tul l-erbatax-il sena d-dħul kollu tal-kumpanija kien intefaq fi spejjeż, u ġieli kellu jagħmel tajjeb personalment għal xi spejjeż. Ikkonkluda billi qal illi l-konvenut kien jaħdem bħala *General Manager* imma issa huwa mpjegat.

"Fix-xhieda tagħha Selma Zammit, omm l-attriċi, stqarret illi kienet taf fuq l-inċident ta' abbuż tal-attriċi. Ma ħadux

passi kontra dan ir-raġel peress illi, tletin sena ilu, dan it-tip ta' abbuz kien tabu'.

"Omm l-attriċi qalet illi tul iż-żwieġ tal-attriċi u l-konvenut, kienet tmur id-dar matrimonjali frekwentament. Pero' l-konvenut aktar kien ikun barra milli d-dar. Kien hemm xi okkażjonijiet fejn omm l-attriċi żammet xi flus għall-attriċi, pero' l-ammont involut mhux magħruf. Kompliet billi qalet illi għandha fil-pussess tagħha *dinner set* li kien rigal tat-tieġ tal-partijiet, peress li l-ġenituri tal-attriċi kienu ħarġu l-ispejjeż tat-tieġ.

"Ikkonfermat illi ma kenitx tkun kuntenta meta l-attriċi kienet toħroġ ma' kuġintha Lara għaliex ma kienx jogħġobha l-mod kif kienet tilbes Lara.

"Omm l-attriċi qalet illi tul iż-żwieġ tagħha, l-attriċi kellha problema ta' flus u għalhekk il-ġenituri tagħha ġieli tawha l-flus għall-għixien tagħha u tat-tfal, kif ukoll għall-kera tal-fond.

"Fix-xhieda tagħha Helga Muscat, l-attriċi kkonfermat illi kellha *business* mal-kuġina tagħha Sandra fis-sena 1991. Din il-kumpanija qatt ma rat profitti.

"Ikkonfermat ukoll illi ħadet VAT refund ta' Lm1,500 (€3,494.06) wara li nxtrat id-dar matrimonjali. Meta telqet mid-dar matrimonjali, l-attriċi marret il-bank u qasmet dan l-ammont bin-nofs u ħadet sehmha. L-attriċi nfurmat lill-konvenut fuq dan u qaltlu li n-nofs ta' dan l-ammont rimanenti kienu tiegħu. L-attriċi ċaħdet illi ħadet l-ammont kollu. Bħala prova ta' dan, l-attrici qiegħda tesebixxi Dok 'DMY1' u Dok 'DMY2'.

"Fix-xhieda tiegħu l-konvenut David Muscat qal illi jiftakar li l-Qorti rriduċiet il-manteniment, iżda ma jafx li l-Qorti ċaħdet it-talba li l-attriċi tħallas il-*loan repayment*. Fil-fatt l-attriċi, meta dalet fid-dar matrimonjali, kienet qablet li tħallas nofs il-*loan*. Il-konvenut qal ukoll illi ma jiftakarx meta waqaf iħallas il-*loan*.

"Il-konvenut ikkonferma illi Lm1,000 (€2329.37) li kkundannatu jħallas il-Qorti ma ħallashomx. Kompla billi qal illi t-tfal qatt ma raqqadhom id-dar tiegħu għaliex dan mhuwiex fl-interess tat-tfal, u fil-fatt il-konvenut għamel żmien rieqed ma' l-art. Il-konvenut sostna illi huwa mhux qed iħallas spejjeż tal-iskola u trasport għal Miguel, pero' minflok ħallaslu *laptop* ta' €849; spejjeż ta' *internet wireless* u spejjeż oħra elenkati f'Dok 'DMA2'.

"Il-konvenut stqarr illi kien seħħ abbuż fuqu minn għalliem tal-privat. Minkejja dan, il-konvenut ċaħad illi kellu tendenzi bisesswali.

"Fix-xhieda tagħha, Helga Muscat, l-attriċi spjegat ir-raġunijiet għaliex il-*profit and loss accounts* li esebixxa l-konvenut huma differenti minn dawk li esebiet hi. Dan għaliex l-attriċi kienet bidlet l-*accountant* fl-2005 u għalhekk il-format kien differenti. L-attriċi kkonfermat illi l-kopja li ppreżenta l-konvenut hija dik korretta, bl-indirizz ġewwa Sebastian Lane, Qormi (*sic!*).

"L-attriċi spjegat illi kienet ġibdet nofs il-VAT *refund* fiż-żmien li telqet mid-dar bit-tfal u għaliex kellha bżonn il-flus. Imma minn dakinhar, l-attriċi ma ġibditx aktar minn dan il-kont. L-attrici sostniet ukoll illi mid-data tal-ħlas tal-VAT sad-data tal-ġbid, hija ma għamlitx *withdrawals* oħrajn.

"L-attriċi esebiet Dok 'HMB2' fuq il-marda HPV. Pero' l-partijiet jaqblu li dan id-dokument waħdu ma jikkostitwixxix prova konklussiva li xi parti kienet adultera.

"L-attriċi ċaħdet illi l-konvenut jixtri ħwejjeġ għat-tfal kif elenka l-konvenut. L-attriċi qalet ukoll illi hi m'għamiltx lista ta' dan it-tip peress illi l-ispejjeż minn xahar għall-ieħor ivarjaw ħafna. L-attriċi kkonfermat illi l-konvenut iħallas €560 bħala manteniment għat-tfal. L-attriċi ppreżentat Dok 'HMB3' u 'HMB4' li juru l-kontijiet.

"**Provi tal-Konvenut**

"Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut David Muscat qal li hu u l-attriċi kienu ltaqgħu fuq ix-xogħol. Wara xi ftit żmien huma bdew joħorġu flimkien, u mill-ewwel fetħet qalbha miegħu li ma kenitx kuntenta d-dar. L-attriċi kienet tgħidlu li kien ikollha xi tgħid m'ommha bosta drabi, u fil-fatt hi u ommha kienu jdumu żmien twil ma jitkellmux. Ommha kienet tgħidilha wkoll li j'Alla tiżżewweġ raġel li jkun isawwatha.

"L-attriċi kienet qaltlu li meta kellha tnax-il sena kien abbużaha raġel li kien iwassalha l-iskola. Meta qalet lil ommha din ma tatx każha u kellha tmur l-iskola ma' dan ir-raġel bilfors u ta' spiss. Minħabba dan, minn eta' żgħira, l-attriċi diġa' kellha ċertu rabja lejn il-ġenituri tagħha.

"Il-konvenut qal illi meta dan beda jidħol id-dar tagħha, huwa kellu relazzjoni tajba mal-ġenituri tagħha.

"Il-konvenut spjega illi wara ftit żmien hu u l-attriċi kienu tgħarrsu, u mbagħad iżżewġu fit-12 ta' Lulju 1992. Fil-jum tat-tieġ il-konvenut kellu ħafna x'jagħmel, u fil-fatt ma kellux ċans jiekol. Għalhekk huwa ma ħassux f'siktu.

"Il-konvenut qal li t-tieg kien suċċess, u fil-fatt telqu mis-sala fis-siegħa u nofs ta' fil-għodu. Ma tantx kellhom ċans jistrieħu għaliex kellhom ikunu l-ajruport fil-ħamsa ta' fil-għodu. Il-konvenut qal li l-*honeymoon* kien mimli avventuri, iżda kien hemm xi ftit intoppi, u l-attriċi bdiet iġġibhom bi kbar.

"L-attriċi kienet imsieħba f'*beauty clinic* ġol-Belt. Il-konvenut kien taha Lm1,000 (€2,329.37) sabiex l-attriċi toħroġ sehmha fil-kumpanija. Dak iż-żmien l-attriċi kienet qaltlu li minħabba li kellha tlaħħaq max-xogħol, hi riedet tistenna ħames snin biex ikollha t-tfal. Pero' l-attriċi kienet ħarġet tqila u ma kenitx entużjasta fil-bidu tat-tqala. Wara xi ftit żmien, il-konvenut qal li hi saret kuntenta. Kien hemm xi żmien fejn il-kumpanija tagħha kienet sejra lura u fuq parir ta' ħabib tal-attriċi, hija ħarġet mill-kumpanija.

"F'dak iż-żmien, l-attriċi kienet kriet kamra f'ħanut tax-xagħar ta' ħabib tagħha, iżda wara xi żmien kellha titlaq ghax kien ikollha xi tgħid ma' dan il-ħabib. Il-konvenut kien jaħdem ġo lukanda f'dan il-perjodu. Kien avviċinah ħabib tiegħu biex jiftaħ ristorant miegħu. Għalkemm il-konvenut kien irrifjuta bosta drabi, kienet l-attriċi li ħeġġithu biex jidħol f'din il-kumpanija, fejn il-konvenut kien ser ikollu 30% tal-ishma.

"Il-konvenut qal li ġurnata waħda, meta kien qed jirranġa r-ristorant, omm l-attriċi kienet ċemplitlu biex imur id-dar tal-ġenituri ta' l-attriċi. Hemmhekk huwa sab lill-attriċi tibki għaliex kienet reġgħet ħarġet tqila. "Minkejja dan, il-konvenut kompla jgħid illi l-attrici kienet saħansitra aċċettat is-sitwazzjoni.

"Wara t-tieni wild, l-attriċi kienet marret taħdem ma' *Clarins*, Ta' Xbiex. Il-konvenut qal illi l-klijentela kienu ta' certu klassi u rrealizza illi l-attriċi kienet tippretendi li huma jgħixu u jagħmlu bħal dawn in-nies.

"Sadanittant ir-ristorant kien sejjer tajjeb ħafna. F'dan il-perjodu, l-konvenut stqarr illi l-attriċi kienet taqbadha il-bruda u kienet tidħol torqod kmieni. Hawnhekk il-konvenut ħass illi l-affarijiet kienu nbidlu. Meta kien ikollhom argument, l-attriċi kienet tkisser xi platti li kienet tkun qed taħsel. Darba minnhom waddbet *"mug"* fuq it-television fejn kien hemm t-tarbija viċin.

"Il-konvenut kompla jgħid illi l-attriċi kienet tigdeb fuqu u tgħid illi kien isawwatha. Per eżempju, l-attriċi kienet ċemplet lil ommha biex tgħidilha li l-konvenut sabbatha mal-friġġ. Madankollu, l-konvenut baqa' jgħid illi kienet l-attrici li kienet tipprova tattakkah, u hu kien biss iżommha lura.

"Il-konvenut spjega illi meta kienu qed ikunu intimi, l-attriċi kienet tidher distratta. Il-konvenut kien ħaseb illi dan kien minħabba t-trawma ta' meta kienet żgħira. Sussegwentement, il-konvenut kien irranġa biex jiltaqgħu ma' konsulenta ta' Kana. Wara xi ftit drabi, l-attriċi ma

riditx tmur aktar minħabba li l-konsulenta kienet kbira fiż-żmien. Għalhekk, l-attriċi sabet lil Joan Bugeja. Wara ftit drabi, l-attriċi biss baqgħet tmur għandha għaliex dik kienet staqsietha jekk tistax tressaq lil dak ir-raġel li abbużaha fi tfulitha l-Qorti.

"Il-konvenut qal li meta ma baqgħux imorru iżjed, l-affarijiet kienu xi kultant jittranġaw. Wara ħames snin huma marru joqgħodu fil-post il-ġdid. Kien hawnhekk illi l-konvenut beda jitħasseb għaliex l-attriċi ma riditx iġġib ir-rigali tat-tieġ.

"L-attriċi riedet tirranġa kamra fil-bitħa biex tibda taħdem bħala *beauty therapist* mid-dar. Hu ried jikkuntentaha u rranġa l-kamra. Meta l-attriċi riedet il-garaxx li kien imiss ma' l-istess kamra, il-konvenut qal illi huwa kkuntentaha u għamel ix-xogħlijiet li kien hemm bżonn. L-attrici ma kinitx kuntenta u bdiet tistaqsi għas-separazzjoni.

"F'dak il-perjodu, l-attriċi u l-konvenut kienu joħorġu mal-kuġina ta' l-attriċi, Lara. Lara kienet isseparata u l-attriċi kienet tqatta' ħafna ħin magħha. Il-konvenut qal illi Lara dejjem kellha *boyfriend* differenti kull meta kienu joħorġu flimkien.

"Il-konvenut qal ukoll illi huwa skopra, u għandu l-provi, li l-kuġina tal-attriċi kienet toqgħod tghidilha li l-konvenut ma kienx ikun ix-xogħol. Il-kugina kienet tagħtiha ċertu *hints* fuq is-separazzjoni u kienet tgħidilha biex toħroġ magħha sabiex tipprova tressqilha lil xi ħadd.

"Il-konvenut spjega wkoll kif l-attriċi kienet tigdeb fuqu mal-ġenituri tagħha. Waslet sal-punt li bdiet tigdeb lit-tfal ukoll, u kienet tgħidilhom li sejra għand ommha meta kienet tmur postijiet oħra. Kienu jinqalgħu ħafna argumenti bejn l-attriċi u l-konvenut f'dan l-istadju. L-attrici kienet issakkar il-bieb tal-kamra tas-sodda, u għalhekk meta kien jiġi lura d-dar, kien ikollu jew jorqod isfel, jew ħdejn it-tfal.

"Kien hemm drabi fejn il-konvenut kien imur lura d-dar biex isib ħafna frak tal-ikel u riħa ta' sigaretti, u għalhekk kien jinduna illi l-kuġina tal-attriċi kienet żaritha. Il-konvenut kien jagħtiha l-flus, imma l-attriċi kienet tuża' l-*Joint Account* tagħhom, u kienet bdiet twarrab xi flus għand ommha. Kienet tieħu ħafna flus mill-kont, inkluż flus għal xi korsijiet. Madankollu, l-attrii kienet tgerger li l-flus fl-*Account* kienu qed jonqsu.

"Fi żmien il-Milied, l-attriċi u l-konvenut iltaqgħu għand ommu biex jippruvaw jirranġaw. Imbagħad l-attrici kienet qalet lil ommha biex iżżommilha t-tfal biex tkun tista' toħroġ mal-kuġina tagħha f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

"Il-konvenut qal li wara lejl intimu, l-attriċi qaltlu li kienet fil-periklu li tinqabad tqila. Il-konvenut sar jaf li l-attrici nqabdet tqila ghat-tielet darba meta kienu għand il-ħbieb tagħhom. Il-konvenut qal ukoll li l-ħbieb tagħhom saru jafu qablu. Wara li kien ikollhom xi argument, l-attriċi kienet tgħidlu li t-tarbija ma kienitx tal-konvenut, u għalhekk ma kenitx bżonnu għall-visti tat-tabib. Madankollu, l-konvenut mar magħha xi drabi. L-attriċi kienet tgħidlu li ħierġa, u mbagħad kienet tmur għand it-tabib. Meta l-konvenut kien jistaqsi lill-attrici kif marret il-vista, l-attriċi ma kenitx tirrispondi.

"L-attriċi qalet illi l-konvenut kien taha virus għaliex kellu relazzjonijiet barra ż-żwieġ. L-attriċi kienet saret taf dwar il-virus aktar minn ħames snin qabel, imma ma kenitx qaltlu. Il-konvenut għamel test tad-demm u kollox kien jidher tajjeb. Imbagħad il-konvenut ħa parir ta' *gynaecologist*, li qallu li dan il-virus jista' jittieħed mill-għaraq, u mhux bilfors mis-sess. Il-konvenut qal li dak iż-żmien l-attriċi kienet tiżfen ma' *Alicia Joy Dancers* u kienet tgerger li l-kostumi li kienu jaqsmu bejniethom iż-żeffiena qatt ma kienu jinħaslu.

"L-attrici kienet iċċempel lill-pulizija u tgħidilhom li l-konvenut kien fis-sakra u qed ikisser kollox. Il-pulizija kienu jmorru, u ma jsibu xejn. Darb'oħra kellhom il-funeral ta' omm il-konvenut. L-attriċi u t-tfal waslu tard il-knisja u

poġġew fil-bankijiet ta’ wara. Xi nies ikkummentaw li kienu qed jidħku. Meta waslu d-dar, l-attriċi riedet taggravah u beżqet f’wiċċu. Wara l-argument, l-attriċi refgħet idejha fuq il-konvenut, u hu pprova jżommha lura. L-attriċi ċemplet lill-pulizija biex tagħmel rapport. Il-pulizija ma setgħux imorru u l-konvenut mar biex jagħmel rapport hu.

“L-attriċi kienet tellgħatu l-Qorti, fejn il-konvenut ġie lliberat għaliex iċ-ċertifikat li ppreżentat wera li ma kien hemm xejn ħlief marka fejn kien żammha lura l-konvenut.

“L-attriċi kienet tgħid lit-tfal li missierhom kien *“pufta”*.

“Il-konvenut sostna li xorta baqa’ jagħtiha l-flus għat-trobbija tat-tfal. Madankollu, l-attriċi kienet tmur il-ħanut u taħdem bejn tlieta sa erba’ darbiet fil-ġimgħa.

“Il-konvenut qal li l-attriċi diffiċli titkellem magħha għax mill-ewwel kienet tiżbroffa. Għalhekk, il-konvenut kien jagħżel li joqgħod kwiet. L-attriċi kienet titkellem baxx u tgħajjar lill-konvenut, darba fil-Qorti tal-familja u darb’oħra quddiem l-*istaff* tal-ħanut.

“Il-konvenut ikkonkluda b’xi eżempji fuq il-komportament ta’ l-attriċi:

“1. meta l-attriċi kienet toħroġ, kienet tirritorna d-dar l-għada fil-għodu;

“2. l-attriċi ma kellmitx lil ħuha għal ħames xhur sħaħ fuq ħmerija;

“3. oħt l-attriċi kienet tebbgħatilha l-qalziet meta kienet qed tiżbogħlha xagħarha u l-attriċi għamlet sena ma tkellimhiex.

“Fl-affidavit tiegħu, *Tony Cassar*, azzjonist ta’ 70% tal-ishma f’*Chinese Tavern Ltd*, qal li kien ilu jaf lill-familja Muscat kollha għal 28 sena. Kien dam jipprova jħajjar lill-konvenut sabiex jiftħu ristorant tal-ikel Ċiniz, għaliex hu

kellu ristorant li ma kienx qed jintuża u l-konvenut kellu l-esperjenza fit-tisjir Ċiniż. Meta fl-aħħar irnexxielu jikkonvinċih, it-tnejn iffurmaw il-kumpanija f'*Chinese Tavern Ltd* flimkien. Hu żamm 70% għaliex kien il-propjetarju tal-fond u ħareġ il-kapital kollu, filwaqt li l-konvenut żamm 30% talli kkontribwixxa l-esperjenza. Huwa qal li għalkemm il-konvenut huwa azzjonist fil-kumpanija, huwa wkoll impjegat bħala *Operations Manager* ma' l-istess kumpanija. Żied li għal raġunijiet finanzjarji, l-azzjonisti qatt ma ħadu xi *dividends*, kif jidher mill-*accounts* awditjati tal-kumpanija.

"L-istess Cassar qal ukoll li kien induna li l-konvenut kien inkwetat għaliex ma kellux fejn irabbi lit-tieni wild tiegħu u għalhekk offra meżżanin lill-koppja Muscat, li fih damu jgħixu għal ħames snin bla ħlas.

"Kien induna li kien hemm l-inkwiet bejn il-koppja għaliex darba ċemplitlu l-attriċi u qaltlu li xtaqet li jkollha d-dritt li tieħu *take-aways* b'xejn meta trid miċ-*Chinese Tavern*. Huwa qalilha li setgħet tagħmel dan imbasta tiffirma għal kull *takeaway* li tieħu; proposta li ma ntlaqgħetx tajjeb mill-attriċi, li ma reġgħet qaltlu xejn aktar.

"Fl-affidavit tiegħu, Alfred Grixti, qal li ilu jaf lill-konvenut minn mindu kien tifel għaliex ilu miżżewweġ lil oħtu Connie għal dawn l-aħħar 31 sena. Sar jaf lill-attriċi fis-sena li kienet ser tiżżewweġ lill-konvenut, jiġifieri ilu jafha erbatax-il sena. Grixti u martu kienu joħorġu mal-koppja xi ġurnata baħar, speċjalment wara li kellhom l-ewwel tifla. Fl-1995, Grixti beda jaħdem fil-kumpanija tal-konvenut. Bħala karattru, l-konvenut kien riservat, qalbu tajba u dejjem lest biex jgħin. Wara ftit beda jinnota li l-konvenut kien qed ikun inkwietat, sa meta fl-aħħar dan żvelalu li kellu l-problemi ma' martu. Kien jgħidlu bl-argumenti ta' bejniethom u dehru li l-affarijiet dejjem kienu qed imorru lura.

"Darba l-konvenut niżel ir-ristorant meta suppost kellu ġurnata *off*, u qallu li dan għaliex qal li l-attriċi ħarġet bit-tifla u ma riedx joqgħod id-dar waħdu. Il-konvenut ħa

ordni ta’ mejda u mbagħad telaq iwassal *take away*. Ftit wara daħlet l-attriċi tfittxu u ma bdietx temmnu x’ħin beda jgħidilha li l-konvenut kien hemm sa ftit żmien ilu, saħansitra wara li uriha l-ordni li kien ħa. Marret tistaqsi wkoll lill-klijenti u mbaghad akkużat lil Grixti li kien kompliċi mal-konvenut. L-attriċi qaltlu li kienet qed tissuspetta li David qed joħroġ ma’ l-irġiel, u hu ħadha bi kbira. Grixti kien ilu ħafna jaħdem mal-konvenut u qatt m’għaddielu suspett li dan kien qed joħroġ ma’ xi ħadd.

“L-għada fil-għodu sab lill-attrici titlewwem mal-konvenut, u saħansitra għajjritu, quddiem kemm l-imsemmi Grixti u *delivery man* tal-Marsovin.

“Fl-affidavit ta’ Xuefie Desira, li kien jaħdem fiċ-*Chinese Tavern*, dan qal li l-konvenut kien iġib lit-tfal tiegħu x-xogħol darbtejn jew tlett darbiet fil-ġimgħa fix-xhur tas-Sajf. Xi drabi kien jeħodhom il-*kindergarten* tas-Sajf, iżda dan is-servizz kien għali ħafna. Żied ukoll li l-konvenut ħoloq *playroom* fir-ristorant, u kien ibiddel in-*nappies* u jippreparalhom l-ikel, kif ukoll il-*bottle* għall-iżgħar wild.

“Fix-xhieda tiegħu, David Muscat, il-konvenut, qal li m’għandu l-ebda eċċezzjoni li l-attriċi u t-tfal jerġgħu jmorru jgħixu fid-dar matrimonjali. Dan għaliex il-konvenut qatt ma keċċa lill-attriċi mid-dar, u fil-fatt il-konvenut ma biddilx iċ-ċavetta. Il-konvenut stqarr ukoll illi l-attriċi tista’ tidħol id-dar liberalment, speċjalment minħabba li taħdem ġol-*beauty clinic* taħt id-dar.

“Il-konvenut kompla billi ċaħad l-allegazzjoni tas-swat u qal illi din kienet gidba fuq il-parti tal-attriċi. Fil-fatt, il-konvenut qal illi l-attriċi telqgħet mid-dar bl-iskuza li zijitha tatha *flat* għal ġimgħatejn. Minkejja dan, l-attriċi ma rritornatx lura id-dar wara dawn il-ġimgħatejn.

“Il-konvenut stqarr illi billi l-attriċi għandha impjieg, m’għandhiex bżonn il-manteniment. Għat-tfal, il-konvenut ippreżenta dawn il-figuri għall-manteniment:

- “Lm200 (€465.87) fix-xahar f’idejn l-attriċi għall-bżonnijiet tat-tfal;

- “spejjeż għall-iskejjel tal-knisja, kotba, uniformijiet, trasport, attivitajiet extra-kurrikulari, lezzjonijiet tal-mużika, u flus oħra li jagħti t-tfal li jammonta għall-aktar minn Lm100 (€232.94) oħra fix-xahar;

- “jagħtihom jieklu erba’ darbiet fil-ġimgħa billi jieklu għandu u darbtejn oħra jieklu *take-away*;

- “iħallas l-ammont ta’ Lm185 (€430.93) fix-xahar bħala *monthly payments* fuq il-*loan*.

“Il-konvenut qal illi jaqla’ paga ta’ Lm500 (€1,164.69) fix-xahar fir-*restaurant*, kif ukoll Lm50 (€116.47) oħra fix-xahar bħala *tips*.

“Għal dawn ir-raġunijiet, il-konvenut talab illi r-rikors tal-attriċi jiġi miċħud għaliex diġa’ kien qed jikkontribwixxi ammont konsiderevoli mill-paga tiegħu.

“Fix-xhieda tieghu l-konvenut David Muscat żied ma’ l-affidavit tiegħu. Il-konvenut għamel referenza għal Dok ‘HH9’ u ‘HH10’, annessi ma’ l-affidavit tal-attriċi u mmarkat bħala Dok ‘HMY1’. Huwa qal illi Dok ‘HH9’ hija skrittura privata bejnu u bejn il-mara. Din tikkostitwixxi qbil għal somma ta’ Lm5,000 (€11,646.87) għal sehem l-attriċi fil-komunjoni tal-akkwisti għall-ishma ġol-kumpanija li topera ċ- f’*Chinese Tavern*. Il-konvenut sostna illi sa fejn jaf hu, l-attriċi m’aċċettatx dan l-ammont. Kompla billi qal li minkejja li s-soċjeta’ għadha teżisti u l-ishma għadhom l-istess, il-kumpanija hija wieqfa bħalissa.

“Il-konvenut spjega d-Dok ‘HH10’ u qal illi, sentejn wara li għamel id-dikjarazzjoni fid-Dok ‘HH9’, hu u l-attriċi għamlu ftehim biex jidħlu f’konvenju għall-bejgħ tad-dar matrimonjali b’xi għamara. Il-konvenut kien offra li l-flus tal-għamara teħodhom l-attriċi. Offra wkoll li jżid ma’ dan l-ammont id-differenza, biex b’kollox l-attriċi tieħu Lm10,000 (€23,293.73). Il-kumplament kellhom jitqassmu

ugwalment. Dan il-ftehim kien marbut mal-konvenju u għalhekk ftehmu illi jekk il-konvenju jaqa', ma jsirx l-att finali tal-bejgħ. Il-bejgħ fil-fatt qatt ma sar.

"Il-konvenut stqarr illi fix-xhieda ta' Rene` Zammit l-imsemmi qal illi ma jiftakarx jekk il-konvenut kienx id-dar dakinhar ta' l-inċident. Il-konvenut jiddikjara illi hu kien preżenti.

"Il-konvenut qiegħed jesebixxi *cassette recording*, immarkat bħala Dok 'DMY1' fejn huwa rrekordja xi telefonati li saru fid-dar matrimonjali. Dawn it-telefonati saru fis-sena 2001 bejn l-attriċi u l-kuġina tagħha Lara Serracino Inglott, kif ukoll omm l-attrici, Selma Zammit.

"Il-konvenut qiegħed jesebixxi wkoll traskrizzjoni li għamel hu stess. Dan huwa mmarkat bħala Dok 'DMY2'.

"Fix-xhieda tiegħu, Dr. Victor Borg Grech spjega illi huwa l-konsulent legali ta' Cassar Group of Companies, ta' liema kumpanija c-chairman huwa Tony Cassar. Huwa qal illi *Chinese Tavern* hija ġestita minn socjeta' li jisimha f'*Chinese Tavern Caterers Ltd*. Huwa qal illi meta l-kumpanija ġiet inġunta biex tipproduċi d-dokumenti fuq l-operat u l-profitti tal-kumpanija, huwa kien tal-parir illi dawn id-dokumenti ma jiġux ippreżentati. Fil-fatt huwa għamel rikors il-Qorti fuq dan il-fatt, u l-Qorti aċċettat.

"Peress illi l-proprjeta` u l-oġġetti kollha, ħlief xi affarijiet żgħar kienu ta' Tony Cassar, u peress illi Tony Cassar kellu 70% tal-ismha fis-soċjeta' u kien hemm ukoll xi *directors' loan*, Dr. Borg Grech kien tal-parir illi l-kumpanija tieqaf topera. Fil-fatt il-kumpanija tinsab wieqfa.

"Huwa spjega illi l-operat u l-*management* issa qiegħed f'idejn Tony Cassar. Il-konvenut huwa għalhekk impjegat ta' Tony Cassar. L-operat ta' *Chinese Tavern* u l-fond tar-restaurant huwa ta' Tony Cassar personalment.

"Fix-xhieda tiegħu, l-konvenut David Muscat qal li qiegħed jesebixxi riżultat ta' test mediku datat 19 ta' Awissu 2008, li huwa mmarkat bħala Dok "DMB1". Il-konvenut ittestja negattiv ghall-*EIA, HIV 1 & 2 Antibodies*.

"Il-konvenut spjega li fil-*honeymoon* ħallsu *cash* u ċekkijiet li huwa qed jesebixxi u li huwa mmarkat bhala DOK "DMB2".

"Il-konvenut sostna illi huwa dejjem ħallas il-manteniment ta' l-attriċi ta' Lm200 (€465.88) u Lm600 (€1,397.62) spejjeż tat-tfal. Kien iħallas ukoll il-*loan* sa Frar 2007. Il-konvenut qal li huwa mhuwiex obbligat iħallas Lm1,000 (€2,392.37) kif sostniet l-attriċi. Huwa spjega illi peress li l-attriċi għandha *clinic* mad-dar u peress illi telqet hi mid-dar, u m'għandux obbligazzjoni li jħallas. L-ammont tal-manteniment ġie ridott għal €466 għat-tfal u €50 għall-attriċi.

"Il-konvenut iddikjara illi l-ammont li nġibed mic-*children's allowance* kien tħallas lill-attriċi għas-sehem tiegħu tal-loan.

"Il-Qorti fis-sustanza taqbel mal-konklużonijiet tal-perit legali li għakemm il-konvenut seta' kkommetta xi azzjonijiet sporadiċi li wasslu biex il-partijiet spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'*. (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** – Prim' Awla, 13 ta' Ġunju 1967) ma kienx hemm sistema ta' kondotta tiegħu li skond il-ġurisprudenza fir-rigward tista' twassal għall-konklużjonijiet li huwa biss jaħti għat-tifrik taż-żwieġ. *"Biex is-sevizzi, minaċċi u nġurji gravi jagħtu lok għas-separazzjoni personali hemm bżonn ġeneralment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti b'mod li jrendu impossibbli l-konvivenza tal-konjuġi"*. (**"Maria Micallef vs Giuseppe Micallef"**, 25 ta' Mejju 1942, Qorti tal-Appell). Ma hemmx dubju wkoll li hemm tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ iżda l-Qorti jidhrilha li għalkemm ma hemmx talba għal pronunzjament tas-separazzjoni a bażi tal-adulterju

tal-konvenut, tħoss li kien aktar l-istess konvenut li bl-atteġġjament tiegħu wassal biex kien hemm dan it-tkissir. Huwa nkontestabbli li l-attriċi kkontrattat *virus* li x'aktarx ġie trasmess sesswalment, u fil-fehma tal-Qorti kien dan li ta bidu tat-tmiem ta' dan iż-żwieġ. L-ispjegazzjoni tal-konvenut ma tantx kienet kredibbli. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-konvenut huwa l-aktar li jaħti għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet.

"**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

"Il-Qorti taqbel li anke skond ġurisprudenza kostanti reċenti meta jkun hemm diżgwid bejn il-ġenituri anke fuq affarijiet oħra ma jkunx il-każ li l-kura u kustodja tibqa' konġunta. Għalhekk m'għandha ebda dubju li fil-każ preżenti din għandha tiġi affidata f'idejn l-attriċi. Madankollu l-konvenut għandu jkollu aċċess liberu.

"**MANTENIMENT**

"Għandu jingħad illi l-Qorti kienet tat digriet fejn akkordat manteniment ta' tlett mitt Lira Maltin (€698.81) għall-minuri iżda sussegwentement dan l-ammont ġie ridott fuq talba tal-konveut peress li huwa kien qed iħallas il-*loan* lura lill-bank. Il-Qorti ordnat ukoll ħlas ta' mija u ħamsin Ewro (€150) mensili għall-attrici. Il-Qorti jidhrilha li ammont ta' tliet mitt Ewro (€300) għal kull wild ikun ammont raġonevoli anke in vista tal-fatt li l-attrici fil-mori tal-kawża bil-ħila tagħha fetħet *beauty clinic* f'parti mid-dar matrimonjali u għalhekk issa m'għadx hemm lok li tingħata manteniment għaliha jekk mhux wieħed nominali (peress li d-dħul tal-attrici mhuwiex wisq kostanti).

"**PROPRJETA`**

"**Beni immobbli:**

"L-unika proprjeta` immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet hija d-dar matrimonjali li hemm qbil li tinbiegħ. Il-problema li tqum meta dan isir hija li l-attriċi titlef il-post minn fejn tikkonduċi n-negozju tagħha.

Għalhekk huwa ġust li n-negozju jiġi valutat; dan ma sarx fil-kors tal-kawża u l-Qorti tenut kont tal-fatt li dan in-negozju m'ilux stabbilit ser tistmah *'arbitrio boni viri'* għas-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) illi l-attriċi għandha tippreleva meta jsir il-bejgħ – *del resto* skond il-ftehim li ġja' sar bejn il-partijiet li pero' ma ġiex imbagħad konkluż. Il-Qorti wkoll ser tordna li l-bejgħ isir wara sentejn mid-data tas-sentenza filwaqt li tagħti opportunita lill-attriċi tibqa' tgħix fid-dar ma' wliedha għal dak il-perjodu biex ikollha ż-żmien tipprovdi għal dan .

"**Beni mobbli:**

"Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji illi naturalment għandhom jinqasmu f'ishma indaqs bejniethom. Sfortunatament tant intilfu fuq il-kwistjoni tal-ishma li l-konvenut għandu fis-soċjeta' *Chinese Tavern Caterers Limited* illi baqgħu ma talbux stima tal-mobbli, illi skond l-attriċi l-konvenut ħa miegħu meta telaq mid-dar u lanqas m'għamlu riferenza għall-vetturi li jista' għandhom. Dwar dan il-punt tal-aħħar il-Qorti għalhekk ma tistax tipprovdi. Fir-rigward tal-mobbli l-oħra msemmija se tipprova tevita prolungament tal-vertenzi ġudizzjarji lill-partijiet.

"Il-kwistjoni tal-ishma fis-soċjeta' *Chinese Tavern* sfortunatament kienet dik li ma wasslitx lill-partjiet biex jaslu għal separazzjoni konsenswali. Dan għaliex kif spiss jiġri, min ikollu ishma f'soċjeta' kummerċjali u jsib ruħu nvolut fi proċeduri ta' separazzjoni, jibda jagħmel minn kollox biex dawn l-ishma jiġu bla siwi sakemm tintemm il-kawża. Il-Qorti kif spiss ngħidu, ma twelditx il-bieraħ u għalhekk meta tinduna b'dawn is-sitwazzjonijiet tagħmel li tista' biex ma jkunx hemm inġustizzja. F'dan il-każ, għalkemm ma saritx stima tal-azzjonijiet (naturalment anke għaliex dan kien ikun inutili fiċ-ċirkostanzi) taqbel mas-sottomissjoni tal-attriċi li hija għandha tiġi mħallsa somma *arbitrio boni viri* għal dawn l-ishma (għalkemm mhux mal-ammont li qed titlob), u fiċ-ċirkostanzi billi l-konvenut kien aċċetta li jħallas ħdax-il elf, sitt mija u ħamsin Ewro (€11,650) fl-2006 għal dawn l-ishma hija għandha tiġi mħallsa dan l-ammont.

"Illi l-attriċi għandha tiġi assenjata l-mobbli fil-ħanut tagħha u l-konvenut ikun awtorizżżat iżomm l-oġġetti li ħa.

"Illi fuq talbiet oħra dwar arretrati ta' manteniment il-Qorti ma tistax tipprovdi għaliex id-digrieti tagħha huma titoli eżekuttivi diġa'.

"**DEĊIŻJONI**

"**Il-Qorti għal dawn il-motivi qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

"**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort prinċipalment tal-konvenut;**

"**2. Tilqa' t-tieni talba u tawtorizżżahom jgħixu separatament;**

"**3. Tilqa' t-tielet talba;**

"**4. Fir-rigward tar-raba' talba, tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi filwaqt li tawtorizżża lill-attriċi biex tgħix mal-minuri fid-dar konjugali għal sentejn mil-lum, tordna li tinbiegħ id-dar konjugali 3, Sqaq San Bastjan, iż-Żejtun wara li l-istess fond jiġi stmat mill-AIC Mario Cassar li qed jiġi nominat għal dan l-iskop, fejn imbagħad għandu jinqasam ir-rikavat bejn il-partijiet wara li jitħallas il-bank kreditur, u <u>l-attriċi</u> tiġi assenjata s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000). Il-Qorti qed tassenja lill-<u>konvenut</u> l-ishma fis-soċjeta' *Chinese Tavern Caterers Limited* u tordnalu jħallas lill-attrici s-somma ta' ħdax-il elf, sitt mija u ħamsin Ewro (€11,650) bi tpaċija għal dan. Il-kontijiet bankarji f'isem kull wieħed u waħda mill-partijiet jew f'isimhom konġuntament, kemm dawk lokali u jew dawk esteri għandhom jinqasmu ugwalment bejn i-partijiet, u tordna li *occorrendo* l-beni mobbli fid-dar konjugali jiġu stmati minn Vincent Ciliberti li wkoll qed jiġi nominat appożitament, u għandhom jinqasmu bis-sorteġġ billi kull parti tieħu**

**nofs il-valur u jekk ikun hemm lok titħallas ekwiparazzjoni. Madankollu l-attriċi għandha żżomm l-oġġetti bżonnjużi għal *beauty clinic* filwaqt li l-konvenut iżomm l-oġġetti li ħa miegħu meta telaq mid-dar matrimonjali. *Occorrendo*, tinnomina lin-nutar Myriam Spiteri Debono biex tippubblika l-att relattivi għandu jiġi pubblikat fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet u l-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji fuq l-att.**

"**6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames talba minħabba mankanza ta' provi miż-żewġ partijiet fir-rigward;**

"**7. Tilqa' s-sitt talba u tassenja l-kura u kustodja tal-minuri lill-attriċi iżda l-konvenut ikollu aċċess liberu;**

"**8. Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment ta' tliet mitt Ewro (€300) għal kull wild fix-xahar, u mitt Ewro (€100) għall-attrici *rebus sic standibus*;**

"**9. Tilqa' t-tmien talba;**

"**10. Billi ġja' ġie provdut preċedentement, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-disa' talba.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu terz mill-attriċi u żewġ terzi mill-konvenut.**"

<u>**L-appell tal-konvenut**</u>

3. L-aggravji tal-appellant huma fis-succint is-segwenti:-
1 L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta tefghet it-tort principali tat-tifrik taz-zwieg fuqu.

II. L-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ordnat li l-kura u kustodja tat-tfal minuri tigi affidata esklussivament lill-mara.

III. Il-manteniment li hu gie ordnat ihallas lill-martu u t-tfal huwa wiehed ingust tenut kont li hu m'ghandux tali mezzi mentri martu ghandha l-potenzjal li tahdem u taqla' l-flus.

IV. L-appellant hassu aggravat ukoll bil-mod kif l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas diversi ammonti rapprezentanti sehem il-mara mill-komunjoni tal-akkwisti.

V. Fl-ahharnett hassu aggravat illi huwa gie akkollat zewg terzi tal-ispejjez tal-kawza u jsostni li dawn ghandhom jinqasmu ugwalment.

**<u>Risposta tal-attrici</u>**

4. Fir-risposta taghha l-attrici wiegbet li mill-assjem tal-provi prodotti wiehed jista' jikkonkludi li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-fatti li r-raguni principali tat-tifrik taz-zwieg kienet propju l-agir ta' zewgha.

i. Fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri, l-appellata issostni li l-ewwel Qorti kienet korretta meta akkordatilha access liberu stante li l-istess appellant qatt ma kien dispost li jraqqad lil uliedu mieghu.

ii. Ghal dak li jirrigwarda manteniment ghaliha hija issottomettiet li billi l-appellant huwa principalment hati ghat-tifrik taz-zwieg u hi m'hijiex f'kundizzjoni li taghmel qliegh daqskemm ghandha bzonn, allura l-appellant ghandu jmantniha.

iii. Ghal dak li jirrigwarda manteniment ghat-tfal l-appellata tghid li l-ewwel Qorti kienet gusta meta llikwidat l-istess ammont nonostante d-diversi manuvri li ghamel waqt il-kawza.

iv. Fir-rigward tal-assenjazzjoni tal-beni tal-komunjoni hija ssottomettiet li il-konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti sehhew *arbitrio boni viri* stante li jirrizultaw verosimili.

v. Fir-rigward ta’ spejjez dawn ghandu jhallashom l-appellant.

**Konsiderazzjonijiet**

5. Stante li l-aggravji jikkoncernaw ukoll apprezzament ta’ fatti din il-Qorti necessarjament fliet l-atti processwali kollha u sejra titratta l-aggravji tal-appellant wara xulxin.

6. Permezz **tal-ewwel aggravju** l-appellant jilmenta illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet illi huwa kien jahti principalment ghat-tifrik taz-zwieg u dan in kwantu strahet fuq ix-xhieda tal-attrici fir-rigward tal-*virus* ikkuntrattat minnha u li skont l-ewwel Qorti seta’ jigi biss trasmess minnu. L-appellant jirrileva illi l-appellata ma gabet l-ebda prova li l-istess *virus* haditu tort tieghu u ma esebiet l-ebda certifikat li juri li hi fil-fatt kellha l-istess *virus.*

7. Din il-Qorti tirrileva illi fil-kors tal-kawza, l-appellant ma kkontestax il-fatt li l-appellata verament kienet milquta mill-imsemmi *virus*. Huwa pero` jaghti spjegazzjoni alternattiva minn fejn l-appellata setghet ikkontrattat l-*virus*. Huwa sahanistra ghamel testijiet ghall-virus tal-HIV, li huwa *virus* differenti mill-HPV, fejn kellu rizultat fin-negattiv. Billi din il-Qorti mhix esperta fil-medicina ma tistax tikkonkludi, anke fuq bazi ta’ probbabbilita`, jekk effettivament l-appellant kienx affett mill-istess *virus* jew le.

8. Din il-Qorti tinsab kemmxejn perplessa wkoll kif l-appellata damet hames snin sakemm qalet lill-appellant dwar dan il-virus. Huwa kemmxejn inverosimili li t-tabib kuranti taghha ma kienx infurmaha bil-mod kif jigi trasmess dan il-virus. Dan kollu jpoggi fid-dubju l-verzjoni tal-appellata kif setghet ikkuntrattat l-istess *virus* u ghaliex damet dawk is-snin kollha minghajr ma zvelat din il-kondizzjoni medika lill-appellant.

9. Ghalhekk din il-Qorti hija propensa li taqbel mal-appellant illi il-kwistjoni tal-*virus* ma kinitx il-fatt determinanti ghaliex gie mkisser definittivament dan iz-

zwieg. Il-kwistjoni tal-*virus* certament seta’ kellha l-piz taghha fuq kif zvolgew l-affarijiet, pero` minn qari tax-xhieda jidher car illi l-problema principali f’dan iz-zwieg kienet in-nuqqas ta’ komunikazzjoni bejn il-partijiet u li f’certu zmien kull parti bdiet tfendi ghal rasha. Din il-Qorti tirrileva wkoll illi l-appellata kellha kugina li kienet xi ftit jew wisq htija ta’ kif kompliet tithawwad il-borma u dan wara li din il-Qorti kellha l-okkazjoni tifli l-konversazzjonijiet li kien hemm bejn l-appellata u din il-kugina. Ghalkemm jidher li ghall-ewwel l-appellata baqhet xi ftit lura milli tizvija mid-doveri taghha lejn zewgha, eventwalment, bl-incitazzjoni anke tal-imsemmija kugina, qabdet triq li eventwalment wasslet biex beghditha iktar minn zewgha.

10. Da parti tieghu l-appellant ma jistax jghid li fl-agir tieghu m’hemm xejn x’wiehed jiccensura. Jirrizulta illi huwa gieli dam hafna ma dahal id-dar bil-lejl, u dan certament oltre l-hin tal-gheluq tar-restaurant li kien jiggestixxi. Dan certament ma ghenx biex l-affarijiet bejn il-partijiet jirrangaw izda pjuttost wassal sabiex ir-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet tkompli sejra ghall-aghar.

11. Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi iz-zewg partijiet kellhom sehem indaqs biex dan iz-zwieg jasal fi tmiemu[1].

12. Illi permezz **tat-tieni aggravju** l-appellant jilmenta li l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri ghandha tkun wahda kongunta. L-ewwel Qorti jidher li akkordat il-kura u l-kustodja lill-appellata stante li l-partijiet ghandhom dizgwid fuq affarijiet ohra barra l-materja in kwistjoni.

13. Jirrizulta illi l-minuri dejjem ghexu ma’ ommhom filwaqt li kellhom access liberu ghall-missier. Din il-Qorti tifhem li sabiex id-dizgwid jonqos u mhux jizdied, huwa necessarju li l-kura u l-kustodja tigi affidata f’idejn wiehed mill-genituri. Fil-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-minuri dejjem ghexu u se jkomplu jghixu mal-omm, ikun ghaqli li din ikollha l-kura u kustodja taghhom

[1] Il-Perit relatur mqabbad mill-ewwel Qorti kien ukoll irrelata f’dan is-sens.

ukoll. Madankollu dan bl-ebda mod m'ghandu jiftiehem li l-appellant m'ghandux ikun partecipi f'decizjonijiet importanti fil-hajja tat-tfal bhal ma huma decizjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni u s-sahha taghhom.

14. Ghalhekk filwaqt li zzomm ferm dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, sejra tirriformaha biss fis-sens li l-appellant ghandu jkun partecipi fi kwalunkwe decizjoni importanti li tirrigwarda l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri.

15. Permezz **<u>tat-tielet aggravju</u>**, l-appellant ihossu aggravat bil-manteniment likwidat lill-appellata u liz-zewg ulied minuri. Huwa jargumenta illi l-manteniment jinghata lill-konjugi l-ohra meta din ma tkunx fil-possibilita` li tmantni lilha nnifisha.

16. Wara li din il-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza, l-appellant intavola rikors[2] fejn iddikjara li huwa sab xoghol ma' kumpanija privata fejn qieghed jaqla' paga netta bazika ta' €715.34 fix-xahar. Ghalhekk skont l-appellant ma jistax ikun li hu jipprovdi manteniment ta' €300 ghal kull wild u €100 ghall-appellata. L-appellata wiegbet ir-rikors fit-8 ta' Gunju 2012 u ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta taghha talbet li din il-Qorti tichad it-talbiet tal-appellant kontenuti fl-istess rikors.

17. Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` tirrileva aktar 'il fuq, hija tal-fehma illi l-appellata ghandha tort ukoll ghat-tifrik taz-zwieg, u ghalhekk m'ghandu jkun likwidat l-ebda manteniment ghaliha. Oltre dan illum il-gurnata it-tfal minuri ghandhom eta` fejn certament tippermetti lill-appellata tahdem, specjalment f'negozju fejn tkun tista' tirregola l-hinijiet tax-xoghol skont l-esigenzi taghha stess.

18. Fir-rigward tal-manteniment taz-zewgt itfal minuri, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ghamel hiltu biex isib xoghol alternattiv wara li, skont hu, spicca dizokkupat. Fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss illi tenut kont li l-appellant ghandu wkoll certu spejjez personali, ikun ghaqli li jigi

[2] Datat 23 ta' Mejju 2012.

rivedut il-manteniment ghall-istess ulied sakemm id-dar tinbiegh. Filwaqt li jista' jkun li n-negozju li kellu bi shab l-appellant rega' beda jopera, din il-Qorti ma tistax tibbaza l-manteniment li takkorda fuq xi ammont kimeriku u l-uniku ammont cert li ghandha quddiemha huwa dak dikjarat mill-appellant fid-dokumenti annessi mar-rikors tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tvarja l-manteniment dovut lill-minuri billi tnaqqsu ghas-somma ta' €200 ghal kull wild. B'dan illi malli tinbiegh id-dar matrimonjali l-appellat jibda jhallas is-somma ta' €250 ghal kull wild. In oltre, malli l-manteniment tal-minuri Giselle-Marie jieqaf, l-appellant ghandu jibda jhallas manteniment ta' €300 ghall-minuri Paula.

19. Illi stante li l-appellata ma intavolat ebda appell jew appell incidentali fir-rigward tal-manteniment ghall-maggorenni, l-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tillikwida ammont fir-rigward tal-istess maggorenni. Dan qieghed jinghad ovvjament minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-istess maggorenni li jipprocedi hu fil-konfront tal-appellant ghal tali manteniment jekk ikun il-kaz.

20. Fir-**<u>rigward tar-raba'</u>** aggravju l-appellant jilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti.

21. Dwar id-dar matrimonjali huwa jishaq li din ghandha titpogga minnufih ghall-bejgh. Fir-risposta ghall-appell l-appellata wiegbet li bla pregudizzju hija taqbel li jekk jinstab bejgh qabel is-sentejn, tinbiegh. Il-Qorti ghalhekk taqbel illi d-dar ghandha titpogga fis-suq miftuh b'mod immedjat u dan anke tenut kont ta' dak rilevat mill-istess appellata fir-risposta taghha tal-appell li l-istess dar diga` ilha xi zmien ghall-bejgh. Fil-frattemp l-appellata u ulied il-partijiet ghandhom jibqghu jghixu fl-istess dar sakemm isir il-bejgh taghha, wara liema gurnata l-appellata ghandha tivvaka mill-istess.

22. Fir-rigward tal-mobbli fil-*beauty salon*, l-appellant jippretendi li la dawn jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-

akkwisti allura ghandha ssir id-divizjoni taghhom. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. L-imsemmija mobbli ghandhom jigu assenjati lill-appellata sabiex hi jkollha l-opportunita` li jekk trid tkun tista' tkompli bl-attivita` professjonali taghha kemm mid-dar matrimonjali, sakemm din tinbiegh, kif ukoll minn post alternattiv wara l-bejgh tal-istess, u dan anke tenut kont tal-fatt illi ma gie likwidat l-ebda manteniment fil-konfront taghha. Mill-bqija, kif qalet l-appellata fir-risposta ghal dan l-appell, l-appellant ukoll xtara mobbli biex jarreda fejn qieghed jghix prezentement u li kieku riedet setghet talbet ukoll id-divizjoni tal-istess billi dawn inxtraw waqt iz-zwieg.

23. Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, l-appellant jippretendi li kulhadd ghandu jzomm dawk il-kontijiet li jidhru f'ismu jew isimha kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta. Din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala dan ghandu jkun il-kaz, invece taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li l-ammonti f'dawn il-kontijiet ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

24. L-appellant jilmenta wkoll mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bhala kumpens ghan-negozju ta' *beauty salon* gestit mill-appellata. Huwa jghid li l-appellata m'ghadhiex tahdem mill-istess *salon* u li jekk irid ikun hemm xi kumpens dan irid ikun ta' nofs il-valur. Mill-provi migbura jirrizulta illi l-appellata kienet bdiet tahdem ta' *beautician* qabel iz-zwieg. Madankollu waqt iz-zwieg il-partijiet ikkonvertew kamra fid-dar matrimonjali li akkwistaw fiz-Zejtun biex b'hekk l-appellata bdiet tezercita l-professjoni taghha minn hemm. Ghalhekk in-negozju ta' *beauty salon* gestit mill-kamra li tifforma parti mid-dar matrimonjali ghandu jitqies li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-ewwel Qorti stmat l-istess negozju *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €20,000 u ordnat li tali valur jigi prelevat mill-appellata meta jsir il-bejgh tad-dar. L-ewwel Qorti assenjat ukoll il-mobbli fl-istess hanut lill-appellata.

25. Apparti li din il-Qorti thoss li l-ammont likwidat huwa wiehed pjuttost generuz tenut kont dak li ddikjarat l-istess appellata bhala qliegh ghas-snin li damet topera l-istess

negozju,[3] hija tal-fehma li l-ebda ammont m'ghandu jigi likwidat favur l-appellata stante li meta se tinbiegh id-dar hija se tiehu sehemha mill-istess rikavat. In-negozju mmexxi mill-appellata gie hekk krejat fil-kors taz-zwieg u ghalhekk huwa taz-zewg partijiet f'mod ugwali u ghalhekk meta l-fond matrimonjali jinbiegh, u mieghu tinbiegh il-kamra konvertita f'*salon*, m'ghandu jkun hemm l-ebda kumpens fil-konfront tal-appellata stante li hi se tippercepixxi l-istess rikavat li se jippercepixxi l-appellant.

26. Fir-rigward tal-ishma mizmuma f'isem l-appellant fis-socjeta` *Chinese Tavern Caterers Limited,* l-appellant ma jaqbilx mal-valur *arbitrio boni viri* li l-ewwel Qorti tat lill-istess fl-ammont ta' €11,650. Huwa jghid li l-ammont rifless f'Dokument HH9 a fol. 172 kien sar fi sfond ta' tentattiv li l-partijiet jaslu ghal ftehim bonarju u mhux bhala valutazzjoni tal-istess ishma. Pero` jidher li l-oggezzjoni tieghu mhix tant l-ammont likwidat imma l-mod kif l-ewwel Qorti ghamlet l-assenjazzjoni tal-istess ishma. L-appellant jghid li skont hu dawn l-ishma ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

27. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant u filwaqt li tqis il-valur ta' €11,650 bhala wiehed konservattiv hafna, sejra toqghod fuq il-valur tal-ishma hekk kif dikjarat mill-appellant stess f'Dok HH9. Il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-appellata fir-risposta taghha ghar-rikors intavolat mill-appellant wara li l-appell gie differit ghas-sentenza, u cioe` li l-appellant u Anthony Cassar waqqfu l-operat tal-Kumpanija biex l-ishma saru ma jiswew xejn u b'hekk jeludu d-drittijiet tal-Kumpanija. Din il-Qorti tirrileva illi meta inghata l-valur ta' €11,650 ghas-sehem tal-appellata dan kien fiz-zmien meta l-istess negozju kien ghadu jopera u l-ewwel Qorti proprju imxiet fuq tali stima. Din il-Qorti ghalhekk taqbel ukoll mal-ewwel Qorti li tali ishma ghandhom jigu assenjati interament lill-appellant stante li l-appellata qatt ma kellha l-ebda involviment fl-istess negozju u ghalhekk ma jkunx ghaqli li f'dan l-istadju din il-Qorti taghti lok ghal iktar dizgwid bejn

[3] Ara Profit & Loss Account ghas-snin 2003 sa 2008 a fol. 237 sa 242

il-partijiet. Ghaldaqstant l-appellant ghandu jhallas lill-appellata s-somma ta' €11,650 rapprezentanti sehemha mill-istess ishma.

**DECIDE**

28. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod kif gej :-

1. Tikkonfermaha in kwantu ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti u tvarjaha in kwantu li t-tort ghandu jigi addebitat ugwalment liz-zewg partijiet;

2. Tikkonfermaha in kwantu awtorizzathom jghixu separatament;

3. Tikkonfermaha in kwantu ddikjarat xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti skont l-Artikolu 55 tal-Kodici Civili;

4. Tikkonfermaha in kwantu ordnat ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u fejn gie deciz li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh b'dan illi tordna li l-istess dar ghandha titpogga minnufih fis-suq miftuh. Tawtorizza lill-attrici tibqa' tabita flimkien ma' uliedha fl-istess dar sakemm din eventwalment tinbiegh. Tikkonfermaha f'dak li jirrigwarda l-qsim b'mod ugwali tal-kontijiet bankarji u l-oggetti mobbli fid-dar konjugali bil-mod kif deciz fl-istess sentenza. Tikkonfermaha wkoll in kwantu ordnat li l-attrici zzomm l-oggetti bzonnjuzi ghal *beauty clinic* filwaqt li l-konvenut izomm l-oggetti li ha mieghu meta telaq mid-dar matrimonjali. Tikkonfermaha wkoll fejn innominat, okkorrendo, lin-Nutar Myriam Spiteri Debono biex tippubblika l-att relattiv li ghandu jigi pubblikat fuq talba ta' xi hadd mill-partijiet u l-Avukat Dottor Gabrielle Zammit bhala kuratur tal-eventwali kontumaci fuq l-att;

5. Tikkonfermaha in kwantu assenjat l-ishma fis-socjeta` Chinese Tavern Limited lill-konvenut u ordnatlu jhallas lill-attrici s-somma ta' €11.650 bi tpacija ghall-istess;

6. Tikkonfermaha in kwantu assenjat il-kura u l-kustodja tal-minuri Giselle-Marie u Paula ahwa Muscat lill-attrici b'dan illi l-konvenut ghandu jkun kompartecipi f'decizjonijiet importanti li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u tikkonfermaha in kwantu l-konvenut ghandu jkollu access liberu;

7. Tvarja l-kap tal-manteniment fis-sens illi l-konvenut qieghed jigi ordnat ihallas lill-attrici s-somma ta' €200 ghal kull wild minuri fix-xahar, b'dan illi meta tinbiegh id-dar matrimonjali tali manteniment ghandu jizdied ghal €250 ghal kull wild. Tordna wkoll illi meta l-manteniment ghall-minuri Giselle-Marie jigi terminat, il-konvenut ikun obbligat li jibda jhallas manteniment ta' €300 ghall-minuri Paula. Tiddikjara wkoll illi l-ebda manteniment m'hu dovut ghall-attrici. F'dan is-sens qieghed jigi wkoll degretat ir-rikorsipprezentat mill-konvenut fit-23 ta' Mejju 2012.

8. Tikkonfermaha in kwantu gie dikjarat illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu elenkati f'Artikolu 48 (1) tal-Kodici Civili, u dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 51 tal-istess Kodici Civili.

9. In vista tas-sentenza moghtija llum, qieghed jigi wkoll varjat il-kap tal-ispejjez fis-sens illi l-ispejjez kollha tal-kawza, kemm dawk in Prim Istanza u anke tal-appell odjern, ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------